MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 304/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Bezzina talli:

(1) fit-12 ta' Settembru 2007 f'Gardenia Home Centre, Triq Tumas Fenech, B'Kara, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista;

(2) fl-istess zmien u fl-istess post, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta'

provvista skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e) u 82(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll il-partiti 1, 2 u 3 tat-Tlettax-il Skeda ta' l-istess Kap. 406, sabet lill-imsemmi Christopher Bezzina hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' seba' mitt euro (€700) u peress illi rrizulta li hemm taxxa perikolata ta' mija tnejn u erbghin euro u erbatax-il centezmu (€142.14) b'applikazzjoni ta' l-artikolu 77 ta' l-istess Kap. 406 imponiet multa ohra ta' elf erba' mija wiehed u ghoxrin euro u tmienja u tletin centezmi (€1421.38) filwaqt illi ddikjarat it-tieni imputazzjoni bhala alternattiva ghall-ewwel wahda u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Christopher Bezzina pprezentat fit-30 ta' Ottubru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti: (1) mill-provi jirrizulta illi huwa persuna registrata taht l-artikolu 10 ta' l-Att filwaqt illi l-klijent (certu Stivala sid is-Caesar Bar & Restaurant) identifika ruhu b'numru ta' registrazzjoni tal-VAT. L-artikolu 50(1) ta' l-Att jistipula illi f'dan il-kaz, il-persuna li qed taghmel il-bejgh jew taghti s-servizz ghandha 31 jum biex taghti l-VAT invoice mid-data tal-konsenja jew mid-data li jircievi l-hlas, liema miz-zewg eventwalitajiet tigri l-ewwel. Ghalhekk skond il-ligi, u jekk tigi accettata in toto l-verzjoni tal-prosekuzzjoni, l-

appellant kellu sat-13 ta' Ottubru 2007 biex jaghti din il-VAT invoice u ma kellu ebda obbligu li johrog l-ircevuta fiskali fit-12 ta' Settembru 2007; (2) il-VAT invoice mahruga mill-appellant u moghtija lill-klijent fit-12 ta' Settembru 2007 ghall-ammont ta' €1325.42 (Lm569) kienet teccedi s-somma ta' €931.75 (Lm400) attwalment imhallsa mill-klijent u ghalhekk la kien hemm u lanqas jista' jkun hemm taxxa (VAT) perikolata; (3) fit-12 ta' Settembru 2007, il-provvista li saret kien ta' ordni ta' TV plasma u stallazzjoni ta' satellite; filwaqt illi l-appellant iddiskuta mal-klijent l-possibbilita` illi wara li ssir prova, issirprovvista wkoll ta' *receiver*, din kienet ghada possibilita` u mhux realta`. Il-hlas ta' €908.45 ma kienx ghadu maghruf jekk kienx akkont tat-TV plasma jew le qabel il-klijent jiddecidi illi ser jixtri jew le r-*receiver*, izda fi kwalunkwe ipotesi l-VAT invoice mahruga kienet teccedi l-ammont imhallas; (4) Joseph Stivala kkonferma illi huwa kien mar il-hanut ghan-nom ta' ibnu li jiggestixxi s-Caesar Bar & Restaurant. Xehed li ma kienx zgur jekk fit-12 ta' Settembru 2007 kinitx diga` saret il-konsenja tat-TV plasma, stallazzjoni tas-satelite u tar-*receiver* billi ma jiftakarx jekk il-konsenja saritx qabel jew wara dik id-data, izda zgur fil-qrib. L-appellant ikkonferma li l-konsenja saret ftit granet wara. Anke kieku l-konsenja kienet saret qabel, l-appellant xorta kellu 31 jum mid-data tal-konsenja biex jaghti l-VAT invoice lix-xerrej skond l-artikolu 50(1) ta' l-Att.

Issa, mill-provi jirrizulta illi fit-12 ta' Settembru 2007 zewg spetturi tal-VAT marru fil-hanut Gardenia Home Centre li jinsab f'Birkirkara u hemm osservaw persuna thallas Lm400 lill-appellant. Meta ccekkjaw l-*invoice* osservaw illi l-*invoice* ma kienx jirrispekkja l-hlas li kienet ghamlet dik il-persuna. L-*invoice* kien jndika hlas ta' depozitu ta' Lm10 u bilanc rimanenti ta' Lm559. L-*invoice* kien ghal plasma tv u ghall-istallazzjoni ta' satellita. Mill-provi li semghet din il-Qorti rrizulta li l-provvista kienet ghadha ma saritx u li l-konsenja u stallazzjoni saret ftit jiem wara. Skond l-appellant, ir-raguni li ma giex indikat fl-*invoice* li kien sar depozitu ta' Lm400 kienet li huwa kien ipprova jikkonvinci lix-xerrej jakkwista *receiver* u kien ftiehem mieghu illi jekk jiddeciedi li ma jridx izomm ir-*receiver*, id-differenza ta'

Lm390 kien jghaddihulu bhala pagament akkont tat-tv. Dan mhuwiex kontradett. Ix-xhud Joseph Stivala kien biss il-messaggier ta’ ibnu u ma kellu x’jaqsam xejn mal-ftehim li kien sar bejn l-appellant u iben Joseph Stivala, Alfred Stivala, li ma giex prodott bhala xhud. Mela, minbarra li jirrizulta li kienet ghadha ma saritx il-provvista, jirrizulta wkoll li lanqas ma kien ghadu gie konkluz bejgh rigward *receiver*.

Fi kwalunkwe kaz, is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 50 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi:

**“Kull persuna registrata taht l-artikolu 10 li taghmel provvista, barra minn provvista ezenti bla kreditu, lil persuna ohra li tidentifika lilha nnifisha ghall-ghan ta’ dik il-provvista permezz ta’ numru ta’ identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud ghandha tipprovdi lil dik il-persuna l-ohra b’fattura ta’ taxxa fi zmien wiehed u tletin jum mid-data li tigi l-aktar kmieni mid-:**

**(a) data meta l-oggetti jigu kunsinnati jew jitwettqu s-servizzi;**

**(b) data li fiha jsir il-hlas ghal dik il-provvista.”**

Fil-kaz in ezami si trattava ta’ zewg persuni registrati taht l-artikolu 10. Dan l-artikolu huwa car, izda l-prosekuzzjoni sostniet li xorta kellha tinhareg rcevuta a tenur tat-tieni partita tat-Tlettax-il Skeda. Din il-partita taqra hekk:

**“Bla hsara ghad-disposizzjonijiet l-ohra ta’ din l-Iskeda, kull persuna li taghmel provvista hlief ghal provvista ezenti bla kreditu ghandha, <u>hlief meta tenhtieg li tohrog fattura ta’ taxxa ghar-rigward ta’ dik il-provvista</u>, tohrog ricevuta fiskali skond din l-Iskeda ghall-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dik ir-ricevuta fiskali ghandha, sakemm ma tkunx inharget qabel ikun sar il-hlas, tinhareg u tinghata lill-persuna li tkun ghamlet il-hlas jew lill-persuna li tkun irceviet il-provvista minnufih wara li jkun sar il-hlas, sal-limitu ta’ dak il-hlas:**

**Izda dwar provvista li ghaliha ma jsir ebda hlas izda li titqies li tkun maghmula bi hlas skond it-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, ir-ricevuta fiskali ghandha tinhareg fid-data li fiha ssir dik il-provvista."** (sottolinear ta' din il-Qorti)

Jigifieri din il-partita qieghda teskludi espressament il-htiega ta' hrug ta' rcevuta fiskali fejn l-obbligu ta' min jaghmel provvista huwa li johrog fattura ta' taxxa u, dwar dan, l-artikolu 50(1) jaghti terminu ghall-hrug tal-fattura. Konsegwentement l-appellant ma setax jinstab hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant Christopher Bezzina minn kull imputazzjoni, htija u piena;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------